- *ksur ta' smiegħ xieraq*
- *rogatorji fl-assenza tal-imputat*
- *dewmien tal-proċeduri*
- dies a quo *tal-akkużi kriminali*
- *intempestivita`*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 5 ta' Marzu 2020.**

**Rikors Kostituzzjonali Nru. 67/19 GM**

**PATRICK SPITERI (ID 43465M)**

**vs**

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

**IR-REĠISTRATUR QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ippreżentat fis-26 ta' April 2019 li permezz tiegħu ir-rikorrrent għar-raġunijiet hemm esposti, qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li hemm jew aktarx hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu partikolarment tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tagħtih ir-rimedji li jsemmi fl-istess rikors;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat ir-risposta ġuramentata tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat l-inkartament intier tal-kawza Kriminali annessa in atti – Il-Pulizija vs Patrick Spiteri Kumpilazzjoni numru 798/2008;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrent, u tal-intimati Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija;

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jitrattaw bil-fomm il-mertu ta' din il-proċedura waqt l-udjenza tat-21 ta' Jannar 2020;

Ikkunsidrat:

**Nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tar-Reġistratur**

Illi l-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali eċċepixxa li m'huwiex il-leġittimu kontradittur, u ċċita ġurisprudenza segwenti li din il-Qorti taqbel pjenament magħha:

(1) "Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubbju li dan ma hux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirrappreżentax lill-Qrati li l-operat taghhom ġie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jieħu l-ordnijiet mingħandhom skond il-liġi – u hu ma hux f'posizzjoni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'tiċċensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati"[1].

(2) "Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu ndipendenti mill-Eżekuttiv u ma taqa' taħt ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens, mela, li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli għall- operat tal-Qorti, allura, ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Ġudikant, ma jistax hawnhekk ikun leġittimu kontradittur"[2].

(3) Ir-Registratur tal-Qrati m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati u hu mhux persuna leġittima biex joqgħod f'kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ġew vjolati bi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti[3];

Ikkunsidrat:

**Eċċezzjoni tal-intempestivita`**

[1] Mark Lombardo vs Kunsill Lokali Fgura 07.10.2005 Qorti Kostituzzjonali

[2] George Xuereb vs Registratur tal-Qrati 08.11.2004 Qorti Kostituzzjonali

[3] Carmelo Delia vs Registratur tal-Qrati 25.04.1990 Qorti Kostituzzjonali

Illi l-intimati Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija jeċepixxu li l-azzjoni hija intempestiva għaliex messha saret biss wara li ntemmu l-proċeduri kriminali. Ir-rikorrent isostni li jekk jitkomplew il-proċeduri penali jsofri preġudizzju rrimedjabbli. Din il-Qorti taqbel mar-rikorrent, in kwantu jekk jirriżulta li d-difiża mhix f'qagħda li tiddefendi ruħha minħabba atti li m'għandhomx ikunu fil-proċess, inkella mhux f'qagħda li tipproduċi xhieda minħabba l-mogħdija twila ta' żmien tort ta' dilungar żejjed min-naħa tal-Qorti jew tal-prosekuzzjoni, jista' jkun il-każ li r-rimedju jrid jingħata issa, u mhux iktar tard;

Ikkunsidrat:

**Il-fatti**

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża żvolġew kif ġej:

Fis-sena 2001 infetħet inkjesta Maġisterjali fil-konfront tar-rikorrent wara li saru rapporti mal-iskwadra ta' kontra r-reati ekonomiċi fi ħdan il-Pulizija ta' Malta minn Mario Somma, ċittadin Taljan; u minn Peter u Patricia konjuġi Clarke, ċittadini Ngliżi imma residenti Malta.

29 t'Awwissu 2008 - ir-rikorrent ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'miżappropjazzjoni, frodi u falsifikazzjoni f'dokument pubblikuli allegatament wettaq fil-perjodu 1998-2000.

29 ta' Settembru 2008 – differiment b'Ordni tal-Qorti[4].

8 ta' Ottubru 2008 – l-imputat ma deherx u l-Qorti ġiet infurmata li l-imputat kien imsiefer[5].

5 ta' Novembru 2008 – l-imputat ma deherx għax kien għadu msiefer għalkemm ir-riferta kienet posittiva. Il-Qorti għamlitha ċara illi l-imputat għandu jinforma llill-Qorti qabel isiefer[6].

1 ta' Diċembru 2008 – l-imputat preżenti. Inqraw l-akkużi fil-konfront tal-imputat bil-ġurament. Sar l-eżami tal-imputat. Xehed l-Ispettur Prosekutur Ian Joseph Abdilla u esebixxa set dokumenti fosthom żewġ stqarrijiet tal-imputat rilaxxati fit-13 ta' Awwissu 2003 u fil-15 ta' Mejju 2008 rispettivament. Xehed Peter Clarke u ppreżenta sett dokumenti. Il-Qorti sabet biżżejjed provi *prima facie* biex tqiegħdu taħt att ta' akkuża u ordnat li l-atti tal-kawża jintbgħatu lil Avukat Ġenerali[7].

12 ta' Jannar 2009 – b'ordni tal-Qorti, il-kawża ġiet differita għad-19 ta' Jannar 2009[8].

19 ta' Jannar 2009 – l-imputat kien preżenti. Ġiet moqrija n-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta' Jannar 2009. Xehed Peter Clarke u ppreżenta xi dokumenti. Xehdet ukoll Patricia Clarke. Peress li l-Qorti ma setgħetx tagħmel dak kollu mitlub lilha mill-Avukat Ġenerali ordnat li l-atti kollha tal-kawża jiġu rinvijati lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien li trid il-liġi[9].

2 ta' Marzu 2009 – l-imputat kien preżenti. Ġiet moqrija n-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta' Frar 2009. Xehed Joseph Borg Cardona (BOV) u esebixxa xi dokumenti. Il-Prosekuzzjoni ddikkjarat illi x-xhud Maio Somma ma

[4] Ibid Fol 9.
[5] Ibid Fol 10.
[6] Ibid Fol 11.
[7] Proċess Kriminali anness in atti Fol 12
[8] Ibid Fol 84
[9] Ibid Fol 85

kienx f'pożizzjoni li jitla l-Qorti dak inhar. Peress li l-Qorti ma setgħetx tagħmel dak kollu mitlub lilha mill-Avukat Ġenerali tordna li l-atti kollha tal-kawża jiġu rinvijati lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien li trid il-liġi[10].

13 ta' April 2009 – b'ordni tal-Qorti, il-kawża ġiet differita[11].

22 ta' April 2009 – l-imputat ma deherx. Il-Qorti ħarġet mandat t'arrest fil-konfront tiegħu u sabitu ħati ta' disprezz. L-avukat tal-imputat ta' l-kunsens tiegħu sabiex Mario Somma jixhed fl-assenza tal-imputat. Xehed Mario Somma u ppreżenta diversi dokumenti[12].

3 ta' Ġunju 2009 - l-imputat ma deherx. Id-difiża għarrfet llill-Qorti li l-imputat jinsab taħt *house arrest* f'pajjiż ieħor fejn qed isiru investigazzjonijiet fil-konfront tiegħu u talbet differiment[13].

15 ta' Lulju 2009 – l-imputat ma deherx[14].

19 ta' Ottubru 2009 – l-imputat preżenti. Il-Qorti ġiet infurmata li x-xhieda li jonqos iridu jinstemgħu permezz ta' ittri rogatorji. Il-Qorti ordnat lill-prosekuzzjoni biex sad-differiment li jmiss tressaq il-mistoqsijiet li trid tagħmel permezz tal-ittri rogatorji[15].

2 ta' Diċembru 2009 – l-imputat preżenti. Il-prosekuzzjoni talbet aktar żmien biex tipprepara l-mistoqsijiet sabiex isiru ittri rogatorji[16].

15 ta' Frar 2010 – l-imputat preżenti. prosekuzzjoni infurmat llill-Qorti li sad-differiment li jmiss kellha tilħaq tipprepara l-Ittri rogatorji bhiex jintbgħatu l-Italja u l-Ingilterra[17].

---

[10] Ibid Fol 96
[11] Ibid Fol 109
[12] Ibid Fol 105
[13]Ibid Fol 240
[14] Ibid Fol 243
[15] Proċess Kriminali anness in atti.Fol 244
[16] Ibid Fol 245
[17] Ibid Fol 246

24 ta' Marzu 2010 – l-imputat talab differiment għaliex kellu jsiefer l-Italja sabiex ikellem lil avukati tiegħu hemm[18].

10 ta' Mejju 2010 – l-imputat mhux preżenti għaliex jinsab barra minn Malta[19]

23 ta' Ġunju 2010 – l-imputat preżenti. Bi qbil bejn il-partijiet, tressqet it-talba konġuntiva bil-mistoqsijiet sottomessi fl-Ittri rogatorji[20].

29 ta' Settembru 2010 – l-imputat preżenti. Il-prosekuzzjoni esebixxiet Ittri rogatorji li kellhom jiġu mibgħuta lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Guernsey u Jersey (Channel Islands), Douglas (Isle of Man, Gran Brittanja) u Genevra (Svizzera). L-imputat seduta stante ta ruħu b'notifikat bl-istess Ittri Rogatorji. Il-Qorti akkordatlu 15-il jum biex jipprepara mistoqsijiet li d-difiża riedet tagħmel lill-persuni kkonċernati[21].

20 ta' Ottubru 2010 – imputat preżenti. Ġie ppreżentat rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn ġie mitlub li jsiru l-ittri rogatorji. L-imputat ta ruħu b'notifikat u ddikjara li ma kellux mistoqsijiet x'jagħmel bil-miktub iżda rriżerva li jkun preżenti għas-smigħ tax-xhieda flimkien mal-avukat difensur tiegħu. Il-Qorti ordnat notifika tal-ittri rogatorji lill-Avukat Ġenerali bi żmien ħamest ijiem għar-risposta[22].

21 ta' Ottubru 2010 – l-imputat preżenti. Ġiet ippreżentata nota mill-Avukat Ġenerali rigwardanti l-ittri rogatorji[23].

8 ta' Novembru 2010 – l-imputat preżenti. Xehed Dr Anthony Licari li ppreżenta traduzzjoni tal-Ittri Rogatorji għall-Franċiż li kellhom jintbgħatu Ginevra. Il-Qorti reġgħet rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex isiru l-ittri rogatorji lill-

[18] Ibid Ara rikors a fol 247 u verbal a fol 251
[19] Ibid Fol 252
[20] Ibid Fol 253
[21] Ibid Fol 254
[22] Ibid Fol 255
[23] Ibid Fol 258

Awtoritajiet Gudizzjarji rispettivi u bagħtet l-atti lill-Avukat Ġenerali sabiex jintbgħatu l-ittri rogatorji[24].

10 ta' Jannar 2011 – l-imputat preżenti. Prosekuzzjoni ddikkjarat illi l-Ittri Rogatorji ntbgħatu fil-pajjiżi rispettivi[25]

4 ta' April 2011 – l-imputat preżenti. Ġiet esebita nota mill-Avukat Ġenerali bid-dokumentazzjoni riċevuta mingħand l-Awtoritajiet Ġudizzjarji ta' Ginevra, Svizzera[26].

23 ta' Mejju 2011 – l-imputat preżenti. Ġiet esebita nota mill-Avukat Ġenerali bid-dokumentazzjoni irċevuta mingħand l-Awtoritajiet Ġudizzjarji ta' Guernsey u Isle of Man. Xehed Peter Clarke[27].

13 ta' Lulju 2011 – l-imputat preżenti. Differiment fuq talba tal-prosekuzzjoni[28].

26 ta' Ottubru 2011 - differiment fuq talba tal-prosekuzzjoni[29].

14 ta' Diċembru 2011 – l-imputat preżenti. Xehdet Patricia Clarke[30].

31 ta' Jannar 2012 - ġiet esebita nota mill-Avukat Ġenerali bid-dokumentazzjoni irċevuta mingħand l-Awtoritajiet Ġudizzjarji ta' Jersey (Channel Islands)[31].

5 ta' Marzu 2012 – l-imputat preżenti. Peress li l-ittri rogatorji kienu għadhom ma ġewx ritornati kollha, l-Qorti ordnat lill-Avukat Ġenerali jiddikjara sad-differiment li jmiss f'liema stadju jinsabu l-ittri rogatorji[32].

30 ta' April 2012 - ġiet esebita nota mill-Avukat Ġenerali bid-dokumentazzjoni riċevuta mingħand l-Awtoritajiet Ġudizzjarji tar-Renju Unit[33].

---

[24]Proċess Kriminali anness in atti Fol 263A
[25] Ibid Fol 494
[26] Ibid Fol 495
[27] Ibid Fol 497
[28] Ibid Fol 849
[29] Ibid Fol 850
[30]Ibid Fol 851
[31] Ibid Fol 856
[32] Ibid Fol 895
[33] Ibid Fol 897

9 ta' Mejju 2012 – l-imputat preżenti. Differita sabiex il-prosekuzzjoni tirregola ruħha dwar il-provi tagħha[34].

16 ta' Lulju 2012 – Prosekuzzjoni ddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Inqraw l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali u l-imputat iddikkjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bil-proċedura sommarja minn dik il-Qorti. Differita għall-provi difiża[35].

6 ta' Novembru 2012 – id-difensur tal-imputat informa lill-Qorti li jixtieq jagħmel il-kontro-eżami tal-Ispettur Abdilla, Peter Clarke, Patricia Clarke, Joseph Borġ Cardona, Mario Somma[36].

17 ta' Jannar 2013 – ntalab differiment kemm mill-prosekuzzjoni u anke mid-difiża[37].

11 ta' April 2013 – imputat mhux preżenti. Il-Qorti rat ir-rikors tal-imputat[38] fejn talab differiment għaliex biddel l-avukat tal-patroċinju tiegħu peress illi Dr Chris Cardona laħaq Ministru. Peress li din is-seduta kienet intiża għall-kontro-eżamijiet, l-imputat talab differment wieħed sabiex issir il-preparazzjoni meħtieġa għal prosegwiment tal-kawża. Il-Qorti iddifferixet il-kawża għal-aħħar darba bl-intiża ċara illi jekk l-imputat jonqos milli jressaq il-provi tiegħu, il-kawża tiġi differita għas-sentenza[39].

6 ta' Ġunju 2013 – il-Qorti ddifferiet il-kawża fuq talba tal-imputat peress illi rrileva li kien qed ibati minn kundizzjoni medika magħrufa bħala *multiple sclerosis* u kellu jagħmel diversi testijiet f'Malta kif ukoll barra minn Malta[40].

---

[34] Proċess Kriminali anness in atti Fol 906
[35] Ibid Fol 907
[36] Ibid Fol 908
[37] Ibid Fol 911. Ara ukoll rikors tad-difiża a Fol 910
[38] Ibid Fol 912
[39] Ibid
[40] Ibid Ara Rikors tal-imputat a fol 916A et seq u verbal a fol 921

26 ta' Settembru 2013 – differiment mitlub mill-Ispettur prosekutur peress li kien se jkun barra minn Malta fid-data tas-smigħ tal-kawża[41] u anke mill-imputat[42] minħabba li kellu bżonn jagħmel testijiet barra minn Malta fl-Ingilterra. Il-Qorti ħatret lil Dr Mario Scerri bħala espert medico-legali sabiex wara li jeżamina lill-imputat u jara ċ-ċertifikat mediku tiegħu jirrapporta jekk l-imputat hux fi stat li jattendi l-Qorti peress li kienu qed jintalbu ħafna differimenti u hekk il-kawża qed tiġi stultifikata[43].

4 ta' Novembru 2013 – imsejjħa l-kawża ma deher ħadd. L-imputat talab differiment permezz ta' rikors[44] minħabba raġunijiet mediċi[45].

21 ta Jannar 2014 – il-Qorti ddiferiet il-kawża fuq talba tal-imputat[46] minħabba li għal raġunijiet mediċi kellu jieħu testijiet u kura barra minn Malta[47].

12 ta' Frar 2014 - il-Qorti ddiferiet il-kawża fuq talba tal-imputat[48] minħabba li a kawża ta' ragunijiet mediċi kellu jieħu testijiet u kura barra minn Malta[49]

7 ta' April 2014 – Differiment tal-kawża minħabba li l-Maġistrat sedenti, ġiet elevata għal Imħallef[50].

16 ta' Ġunju 2014 – il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rikors mill-Ispettur prosekutur fejn talab li jinħareġ mandat ta' Arrest Ewropew ai termini tal-Artikolu 62A tal-Avviż Legali 320 tal-2004[51].

20 ta' Ottubru 2014 - il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħruġ ta' Mandat ta' Arrest Ewropew fil-konfront tal-imputat[52].

---

[41] Ibid Fol 922
[42] Ibid Fol 923
[43] Proċess Kriminali anness in atti Fol 932
[44] Ibid Fol 933
[45] Ibid Fol 954
[46] Ibid Fol 955
[47] Ibid Fol 965
[48]Ibid Fol 966
[49] Ibid Fol 969
[50] Ibid Fol 970
[51] Ibid Fol 972
[52] Ibid Fol 972A

19 ta’ Jannar 2015- l-imputat ma deherx. Il-Prosekuzzjoni informat llill-Qorti illi irċeviet tramite l-Avukat Ġenerali illi l-kawża li suppost saret fi Frar ġewwa *Westminster High Courts* ġiet differita għal April[53].

27 ta’ April 2015 - prosekuzzjoni talbet differiment peress li l-imputat kien għadu ma ġiex estradit lejn Malta[54].

10 ta’ Ġunju 2015 - il-prosekuzzjoni għarrfet llill-Qorti illi l-proċeduri quddiem il-Qrati Ingliżi dwar l-Mandat ta’ Arrest Ewropew dwar l-estradizzjoni għadhom pendenti[55].

30 ta’ Settembru 2015 - differita fuq talba tal-prosekuzzjoni[56].

9 ta’ Diċembru 2015 – il-prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti illi l-proċeduri tal-Mandat ta’ Arrest Ewropew kienu għadhom pendenti ġewwa l-Ingilterra[57].

5 ta’ Frar 2016 – ġiet rikjamat l-kawża għax l-Spettur Prosekutur kien informa lill-Qorti li kien instab l-imputat imma l-imputat baqa’ ma ġiex intraċċat[58].

6 ta’ April 2016 – differiment[59].

27 ta’ Ġunju 2016 – meta ssejħet il-kawża ma deher ħadd[60]

14 ta’ Novembru 2016 – differiment mitlub mill-Prosekuzzjoni minħabba impenji ta’ xogħol barra minn Malta[61]

23 ta’ Jannar 2017 – prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li l-imputat għadu ma nstabx[62]

---

[53] Ibid Fol 973
[54]Ibid Fol 974
[55] Proċess Kriminali anness in atti Fol 975
[56] Ibid Fol 976
[57] Ibid Fol 978
[58] Ibid Fol 979
[59] Ibid Fol 982
[60] Ibid Fol 983
[61] Ibid Fol 984
[62] Ibid Fol 986

10 ta' April 2017 - l-imputat instab iżda għadu ma nġabx Malta[63].

31 ta' Mejju 2017 – ġiet appuntata din id-data wara li l-prosekuzzjoni għarrfet llill-Qorti illi l-imputat wara li ħarab minn Malta u anke ħarab wara li ġie arrestat ġewwa l-Ingilterra fuq proċeduri ta' estradizzjoni lejn Malta, u wara li l-imputat serva sentenza li kellu pendenti ġewwa l-Ingilterra, intbgħat hawn Malta[64]. L-imputat preżenti. Id-difensur tal-imputat informa lill-Qorti illi kien għadu kif assuma l-patroċinju riċentement u għalhekk kellu bżonn aktar żmien sabiex jeżamina l-atti u jirregola ruħu[65].

14 ta' Ġunju 2017 – l-imputat preżenti. Dr Stefano Filletti għal-imputat eżenta lill-Qorti li terġa' tisma' x-xhieda kollha mill-ġdid[66].

28 ta' Ġunju 2017 – id-difensur tal-imputat irrileva illi l-Mandat ta' Arrest Ewropew li permezz tiegħu l-imputat inġieb hawn Malta kien limitat għall-ilment ta' Clarke u l-Qorti Ngliża m'awtorizzatx ukoll ir-ritorn tal-imputat għal dak li jirrigwarda l-ilment ta' Mario Somma u għalhekk jeħtieġ li l-provi f'din il-kawża jiġu mifrudin bejn l-ilment ta' Somma u ta' Clarke. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rikors tal-imputat għall-ħelsien mill-arrest li kellu jiġi trattat fis-seduta li jmiss[67].

10 ta' Lulju 2017 – l-imputat preżenti. Xehed l-imputat, u Lorna Morvi. Saru s-sottomissjonijiet tad-difiża dwar il-ħelsien mill-arrest tal-imputat, digriet jingħata fis-seduta li jmiss[68].

20 ta' Lulju 2017 – l-imputat preżenti. Ġiet ippreżentata sentenza mogħtija mill-Qorti Ingliża. Id-difiża talbet lill-Qorti tidderieġi l-partijiet fuq it-talba magħmula mid-difiża fis-seduta preċedenti fis-sens li l-provi insostenn ta' Somma li

---

[63]Ibid Fol 984
[64] Ibid Ara rikors a fol 990
[65] Ibid Fol 990A
[66] Ibid Fol 991 I
[67] Proċess Kriminali anness in atti Fol 992
[68] Ibid Fol 998

għalihom l-imputat ma kienx awtorizzat jkun ritornat Malta, jiġu sfilzati mill-atti. Il-prosekuzzjoni talbet differiment sabiex tkun tista tpoġġi l-posizzjoni tagħha aktar fi kjarezza għar-rigward tat-talba tad-difiża.[69] Permezz ta' digriet, il-Qorti ċaħdet il-ħelsien mill-arrest tal-imputat[70].

31 ta' Lulju 2017 – l-imputat preżenti. Il-prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti illi beda l-proċess biex tinħareġ *letter of consent* li kellha tintbgħat lill-Awtoritajiet Ingliżi a bażi tas-sentenza esebita dwar il-każ ta' Mario Somma. Il-prosekuzjoni ħasset li jkun għaqli li t-talba tad-difiża f'dan l-istadju tiġi milqugħha u jiġi stabbilit mill-proċess liema minn dawk il-provi esebiti jappartjenu għal każ ta' Peter Clarke u liema jappartjenu għal każ ta' Mario Somma u dan ħalli din il-kawża tkun tista' titkompla fl-istadju tad-difiża. Fid-dawl ta' dak li vverbalizzat il-prosekuzzjoni, il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża hekk kif imposta fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2017 għal dak li jirrigwarda l-proċeduri fil-konfont tal-imputat inkwantu l-ilment ta' Mario Somma. L-imputat obbliga ruħu li fil-mori tad-differiment jippreżenta nota fejn jindika dawk il-folji tal-proċess li skont id-difiża għandhom jiġu estromessi mill-atti. In kwantu għar-rikors tal-ħelsien mill-arrest ppreżentat fis-27 ta' Ġunju 2017, il-Qorti ġiet infurmata mill-partijiet illi fi proċeduri quddiem Qorti diversament preseduta ġie nominat Profs Andre Borg sabiex jinvista lill-imputat u jirrelata u li wara li jieħu konjizzjoni tal-inkartament mediku jirrelata fuq il-kondizzjoni medika tal-imputat kif ukoll jekk il-fatt li l-imputat qed jinżamm fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin hix taffettwa l-kundizzjoni medika tiegħu. Din ir-relazzjoni kellha tiġi esebita ukoll fl-atti. Xehdu l-konjuġi Maria u Joseph Spiteri. Id-difiża talbet illi r-rikors tal-imputat għall-ħelsien mill-arrest ma jkunx trattat f'din-is-seduta sabiex ir-rapport mediku ikun jista' jiġi esebit in atti qabel jiġi ttrattat ir-rikors[71].

---

[69] Ibid Fol 1049
[70] Ibid Fol 1076

[71] Proċess Kriminali anness in atti Fol 1082

25 ta' Awwissu 2017 – xehed l-imputat.

13 ta' Settembru 2017 – l-imputat preżenti. Ġiet preżentata nota b' dokumenti u provi rigward it-talba tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat minn naħa tad-difiża. Id-difiża talbet li wara li jiġu preżenatati d-dokumenti kollha, l-Qorti tgħaddi għad-digriet fuq it-talba tal-ħelsien mill-arrest. Differiment għar-replika tal-Prosekuzzjoni[72].

3 t'Ottubru 2017 – l-imputat preżenti. Ġie preċiżat illi fil-15 ta' Settembru 2017 ġie degretat ir-rikors tal-imputat li permezz tiegħu intgħalab il-ħelsien mill-arrest, ir-rikors l-ieħor tas-7 ta' Settembru 2017 kif mifthiem mal-partijiet għadu mhux degretat billi d-digriet kellu jingħata wara s-seduta tal-lum. Kawża ġiet differita għad-digriet tar-rikors tas-7 ta' Settembru 2017 u dak inhar il-Prosekuzzjoni għandha tirregola ruħha għan-nota tad-difiża rigwardanti l-provi[73].

20 t' Ottubru 2017 – imputat preżenti. Il-Qorti tat digriet rigwardanti it-talba tiegħu għall-iskarċerazzjoni u ħelsien immedjat mill-arrest tiegħu a bażi li ladarba huwa nġab Malta permezz tal-mandat ta' arrest ewropew, peress li huwa ma kienx oriġinarjament tressaq b'arrest fil-proċeduri odjerni, hekk kif inġab quddiem il-Qorti tali mandat ta' Arrest Ewropew ġie eżawrit u l-imputat kellu jitpoġġa fis-sitwazzjoni ta' status quo ante ossija ma kellux jibqa' taħt stat ta' arrest. Il-Qorti ċaħdet it-talba tal-imputat[74].

26 ta' Ottubru 2017 – l-imputat preżenti. Differiment minn naħa tad-difiża sabiex il-Qorti tiġi informata bl-arranġamenti li jkunu saru sabiex l-imputat jkun jista' jkollu aċċess għall-kaxxi li fihom hemm id-dokumenti sabiex ikun jista jħejji d-difiża tiegħu[75].

[72] Ibid Fol 1171
[73] Ibid Fol 1209
[74] Ibid Fol 1210. Ara ukoll digriet a fol 1211
[75] Proċess Kriminali anness in atti Fol 1215.

14 ta' Novembru 2017 – imputat preżenti. Xehedet Lorna Borgia. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rikors ġdid tal-imputat dwar il-ħelsien mill-arrest ta' nhar it-13 ta' Novembru 2017[76]. Billi l-avukat Ġenerali għadu ma preżentax risposta, il-Qorti ser tagħti digriet wara li tasal l-istess risposta[77].

20 ta' Novembru 2017 – il-Qorti tat digriet fejn ċaħdet it-talba tal-imputat għal ħelsien mill-arrest billi l-imputat ma ssodisfax il-garanzija rikjesta mill-liġi partikolarment il-garanzija li jidher quddiem il-Qorti għal kull att tal-proċess sabiex dawn il-proċeduri jitkomplew[78].

6 ta' Diċembru 2017 – l-imputat preżenti. Kawża differita għar-risposta tal-Assistant Kummissarju rigwardanti t-talba tal-imputat tal-24 ta' Awwissu 2017[79]

18 ta' Diċembru 2017 – l-imputat preżenti. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rikors tal-imputat għal ħelsien mill-arrest tat-12 ta' Diċembru 2017 fid-dawl tal-fatt li l-istess esponenti għandu favurih deċiżjoni għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Appell[80] u qieset illi f'dan l-istadju l-imputat għandu jingħata ħelsien mill-arrest. Il-Prosekuzzjoni talbet aktar żmien rigward it-talba tal-imputat tal-24 ta' Awwissu 2017[81].

20 ta' Diċembru 2017 – Ġie trattat r-rikors tal-Avukat Ġenerali[82] fejn intalab illi jiġi revokat id-digriet tal-Qorti mogħti fit-18 ta' Diċembru 2017 li permezz tiegħu l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest u tgħaddi biex tordna r-riarrest tiegħu jew alternattivament tbiddel il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest b'kundizzjonijiet aktar idoneji biex b'hekk jiġi assigurat li l-imputat

[76] Ibid Fol 1234A
[77] Ibid Fol 1216
[78] Ibid Fol 1243
[79] Ibid Fol 1244
[80] Ibid Dok B a fol 1248
[81] Ibid Fol 1250
[82]Ibid Fol 1256 et seq

jaderixxi mal-obbligi minnu assunti lejn il-Qrati tal-Ġustizzja.[83] Ingħata Digriet Kamerali fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-Avukat Ġenerali[84].

10 ta' Jannar 2018 – l-imputat preżenti. Il-prosekuzzjoni talab aktar żmien sabiex jara l-lista preżentata mid-difiża li dwarha kellu jagħti risposta[85]

28 ta' Frar 2018 – l-imputat preżenti. Il-Prosekuzzjoni ħadet konjizzjoni tan-nota datat 24 ta' Awwissu 2017 u tikkofenrma t-tali talba. Fid-dawl ta' dan il-prosekuzzjoni tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti li l-akkużi numru 3 u 4 jappartjenu ma' Mario Somma allura l-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni tagħhom f'dan l-istadju. Il-partijiet qablu illi f'dan l-istadju, id-dkumenti ndikati fin-nota tal-imputat għandhom fiżikament jiġu estromessi mill-proċess u jitpoġġew ġewwa envelop illi jinżamm xorta waħda fil-proċess[86].

18 t'April 2018 – l-imputat preżenti. Il-Prosekuzzjoni ssollevat il-fatt illi jista jkun li dokumenti tramite rogatorji li jappartjenu għal każ ta' Peter Clarke setgħu ġew sfilzati bħala parti mill-proċess ta' sfiltz li kien mifthiem minn qabel dwar l-akkużi l-oħra fil-konfront ta' Mario Somma. Id-difiża issuġerixxiet li tissottolinja dawk il-partijiet tar-rogatorja li skond id-difiża għandhom ikunu sfilzati u tgħaddi din l-informazzjoni lil Prosekuzzjoni u llill-Qorti[87].

25 ta' Awwissu 2018 – Dr Filletti għall-imputat talab permess tal-Qorti sabiex iħejji domandi in kontro eżami fl-ittri rogatorji. Il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża sabiex iħejji domandi in kontro eżami fl-ittri rogatorji li diġa ġew esebiti u li jingħata l-fakulta` ta' kontro eżami fl-istess ittri rogatorji. B'danakollu ebda mistoqsijiet ma ġew ippreżentati u minflok ġie ppreżentat rikors biex issir riferenza kostituzzjonali.

[83] Ibid Fol 1263
[84]Ibid Fol 1264
[85] Proċess Kriminali anness in atti Fol 1260
[86] Ibid Fol 1333
[87]Ibid Fol 1334

26 ta' Settembru 2018 – kawża differita. Ma hemmx indikat għal xhiex[88].

8 ta' Ottubru 2018 - l-imputat preżenti. Il-Qorti ġiet infurmata mill-Assistant Kummissarju talab differiemt għas-seduta tal-lum. Il-Qorti rrelevat illi d-differiment tal-lum kien maqbul bejn il-Qorti u l-partijiet fis-seduta preċedenti u għaldaqstant in vista li ma għandhiex Spettur ieħor fl-awla billi sar il-ħin, il-Qorti m'għandhiex alternattiva ħlief li tiddiferixxi s-seduta tal-lum. B'dan illi fin-nuqqas ta' attendanza tal-Assistent Kummissarju jew ta' Uffiċċjal ieħor fit-taqsima tiegħu, il-Qorti la darba se jkollha Spettur ieħor fl-awla ser tisma r-replika li d-difiża tixtieq tagħmel fuq ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u għalhekk mhux ser taċċetta talba oħra għal differiment minn naħa tal-prosekuzzjoni[89].

15 ta' Ottubru 2018 – imputat preżenti. Saret trattazzjoni orali[90].

20 ta' Novembru 2018 – l-imputat preżenti. Differita għad-digriet kamerali[91].

19 ta' Diċembru 2018 – l-imputat preżenti. Il-Qorti irrelevant illi nonostante l-fatt li jirriżulta mill-proċess li ġew sfilzati diversi atti u mpoġġiha f'envelopp u ingħad illi dan kien qed isir b'digriet tat-28 ta' Frar 2018 meta l-Maġistrat sedenti kienet qiegħed tara l-inkartament kollu biex tiddeċiedi dwar it-talba ta' Dr Spiteri sabiex tikkonsidra illi tilqa t-talba tiegħu għal referenza kostituzzjonali, il-Qorti nnutat illi ma kien ingħata ebda digriet għal isfilz tal-atti iżda dak inhar kien sar biss verbal bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża kif inhu rifless fl-atti. Il-Qorti nnutat illi saħansitra ġew imneħħija verbali u parti mill-akkuża li ċertamnet ma kinitx l-intenzjoni tal-ebda parti. Id-difiża irrelevant illi jkun aktar opportun illi qabel ma l-Qorti tiddeċiedi t-talba għal referenza kostituzzjonali jiġi kjarat il-punt permezz ta' digriet[92].

---

88 Ibid Fol 1348
89Ibid Fol 1365
90 Proċess Kriminali anness in atti Fol 1366
91 Ibid Fol 1379
92 Ibid Fol 1380

9 ta' Jannar 2019 – differiment fuq talba tal-Prosekuzzjoni.[93] Inghata digriet dwar l-inkartament rigwardanti Mario Somma[94]. Il-Qorti nnutat illi t-talba tal-imputat tat-28 ta' Ġunju 2017 baqgħet ma ġietx degretata : '*Illi nonostante l-fatt li jirrizulta mill-proċess li ġew sfilzati diversi u mpoġġiha f'envelopes u ngħad illi dan kien qed isir b'digriet tat-28 ta' Frar 2018 meta l-Maġistrat Sedenti kienet qegħda tara l-inkartament kollu biex tiddeċiedi dwar it-talba ta' Dr Spiteri sabiex tikkunsidra illi tilqa' t-talba tiegħu għal referenza kostituzzjonali, il-Qorti nnutat illi ma kien hemm ebda digriet għal sfilz tal-atti iżda dakinhar kien sar biss verbal bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża kif inhu rifless fl-atti…*' . il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddeċidiet li diversi partijiet tal-proċess appartenenti lil Mario Somma kellhom jibqgħu fl-atti b'dan illi l-Qorti iddikjarat li minkejja li jinsabu fl-atti hija mhix ser teħodhom in kunsiderazzjoni. Uħud minn dawn ġew impoġġija ġo envelope 'ai fini ta' prattiċita' mingħajr ma ġew sfilzati b'mod permanenti, filwaqt li oħrajn tħallew fl-atti mingħajr ma tpoġġew f'envelop u l-Qorti ddikjarat li minkejja li kienu ser jibqgħu fl-atti ma kienitx ser tieħu konjizzjoni tar-referenzi li jikkontjenu għal Mario Somma.

21 ta' Jannar 2019 – ir-rikorrent ippreżenta rikors li permezz tiegħu indika li kien hemm numru ta' paġni fil-proċess ukoll rigwardanti l-kaz ta' Mario Somma li pero' ma kienux ġew ikkunsidrati fid-digriet tad-9 ta' Jannar 2019.

18 ta' Frar 2019 – ingħata digriet li permezz tiegħu il-Qorti mill-ġdid irrifjutat li testrometti ħud minn dawn il-paġni filwaqt li ddikjarat li oħrajn kellhom jitpoġġew f'envelopp u jitħallew fil-proċess waqt li oħrajn kellhom sempliċement jiġu injorati mill-Qorti għad li jitħallew fil-proċess[95].

[93] Ibid Fol 1397
[94] Ibid Fol 1398
[95] Ibid Fol 1404

23 ta' Jannar 2019 – imputat preżenti. Il-partijiet għamlu sottomissjonijiet tagħhom fuq ir-rikors tal-25 ta' Settembru 2018[96].

2 ta' April 2019 – l-imputat preżenti. Ingħata digriet. Il-Qorti iddikkjarat illi t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-imputat rikorrenti fir-rikors tiegħu hija sempliċement frivola u vessatorja għall-finijiet u effetti kollha tal-Artiklu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 49 (3) tal-Kap 319, ċaħdet it-talba tiegħu kontenuta fir-rikors tal-25 ta' Settembru 2018 sabiex issir referenza minnu mitluba fl-istess rikors lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u torna l-prosegwiment tal-kawża[97].

26 t'April 2019 – ġiet intavolata l-preżenti proċedura kostituzzjonali;

**L-ilment dwar allegat ksur tal-*law of speciality***

Fir-rikors promotur tiegħu, ir-rikorrent hekk fisser dan l-ilment:

« 17. Illi għalhekk sa llum jirriżulta li għad hemm fl-atti tal-kumpilazzjoni numru 798/2008 diversi dokumenti, xhieda u verbali li huma b'referenza għall-każ ta' Mario Somma, meta l-Qorti m'hijiex awtorizzata li tisma' l-ebda każ fejn jirrigwarda l-ilment ta' Mario Somma fil-konfront tal-esponent ;

« 18. Illi bl-akbar rispett l-esponent ma jistax jikkuntenta b'dikjarazzjoni illi l-Qorti mhix sejra tieħu in kunsiderazzjoni affarijiet li jinsabu fil-proċess, għaliex dak kollu li jinsab fil-proċess sejjer jinfluwixxi fuq u jinfluwenza d-deċizjoni eventwali tal-Qorti, kemm jekk direttament kif ukoll jekk indirettament u anke subkonxjament. In vista tal-fatt illi l-ġustizzja trid mhux biss issir iżda wkoll tispira fiduċja li tista' ssir, meta għad hemm proċess mgħobbi b'affarijiet li legalment m'għandhomx ikunu fih, l-imputat ma jistax ikollu l-perċezzjoni li l-

[96] Ibid Fol 1403
[97] Ibid Fol 1408. Ara ukoll digriet a fol 1409 et seq

ġustizzja qed issir, għaliex dejjem hemm ir-riskju li l-Qorti tiġi influwenzata, anke kontra kull xewqa u inklinazzjoni tagħha stess, mill-fatt sempliċi li dawk id-dokumenti jinsabu in atti ;

« 19. Illi qabel ma tiġi regolata din il-kwistjoni u jiġu sfilzati d-dokumenti kollha rigwardanti Mario Somma mill-atti tal-kawza kriminali msemmija, il-proċeduri kriminali ma jistgħux jimxu għaliex ikun qiegħed jiġi miksur id-dritt fundamentali tal-esponent li jkollu smiegħ xieraq, inkluż allura li s-smiegħ limitat għal dak li suppost qiegħed jiġi pproċessat dwaru skond l-ordni ta' ritorn tiegħu taħt il-*European Arrest Warrant* ;

« 20.  Illi għad li l-proċeduri jinsabu fl-istadju tal-provi difiża fir-realta` d-difiza ma tistax tagħmel il-każ tagħha għaliex jekk l-atti għadhom ma ġewx imnaddfa minn dokumenti u xhieda li ma għandhomx x'jaqsmu mal-każ ta' Mario Somma allura għadu ma ġiex ikkristallizzat il-korp ta' evidenza miġjuba mill-prosekuzzjoni u per konsegwenza l-esponent ma jistax jibda jiddefendi ruħu għaliex biex tiddefendi ruħek irid ikollok stampa ċara ta' dak li qed jinġab kontra tiegħek » ;

Għal dan l-ilment, fir-risposta tagħhom, l-intimati  l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija wieġbu li :

"Rigward l-ewwel ilment il-kwistjoni kollha hi li r-rikorrent qiegħed jippretendi li kull referenza li ssir fil-kumpilazzjoni għal Mario Somma għandha tiġi estromessa mill-kawża. Ir-rikorrent jgħid ukoll li hu mhux kuntent bil-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati ordnat fid-digriet tagħha li ċertu provi relatati ma` Mario Somma titpoġġa ġo envelopp u tibqa' fil-proċess.

"Dwar dan kollu jingħad minnufih li r-rikorrent m`għandu l-ebda jedd fundamentali jagħzel hu x`għandu u x`mgħandux jibqa fil-proċess kriminali u huwa irrilevanti jekk id-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati jikkuntentawhx jew le.

"Din il-kawża kostituzzjonali m`għandiex tintuza bħala xi forma ta` appell mid-digrieti u deċizjonijiet li ħadet l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati. Ir-rikorrenti qed jippretendi li jiġi sfilzat dak kollu li jrid hu! Il-prosekuzzjoni għamlitha ċara li għalkemm m`hemmx oġġezzjoni li ċertu provi u xhieda li huma relatati esklussivament ma` Mario Somma ma` jibqgħux parti mill-proċess kriminali, pero` mill-banda l-oħra ma jistgħux jiġu sfilzati dokumenti li huma ċentrali għal-kawża tal-prosekuzzjoni u li mingħajrhom irrendu l-proċess kriminali difettuż u monk.

"Illi meta wieħed jara d-digrieti li tat l-Ewwel Qorti u li ġew ukoll mehmuza mar-rikors promotur isib li m`hemm xejn fihom li jivvjola l-jedd ta` smigħ xieraq tar-rikorrent. Anzi il-Qorti għamlitha ċara li għalkemm ix-xhieda dwar Mario Somma se tinżamm f`envelope, il-Qorti m`hijiex ser tieħu konjizzjoni ta` xhieda u dokumenti li jirreferu għal-affarijiet li m`humiex il-mertu tal-proċeduri kriminali. Fil-fatt ir-rikorrenti għamel rikorsi b`elenku ta` paġni li talab li kellhom jiġu sfilzati mill-proċess u l-Qorti, ġjustament, sfilzat uħud u ċahdet li jiġu sfilzati oħrajn għax anke l-prosekuzzjoni għandha l-jedd li tara li ċertu xhieda u dokumenti jibqgħu fil-proċess.

"F`dan is-sens il-prinċipji li jsawru l-jedd għal-smigħ xieraq ġew osservati kollha u għalhekk dan l-ilment għandu jiġi miċħud."

Illi din il-Qorti ma tarax kif l-allegat ksur tal-kundizzjonijiet tal-European Arrest Warrant isarraf fi ksur tal-jedd fundamentali għal smiegħ xieraq. Il-kwistjoni dwar jekk ġietx ivvjolata l-*law of speciality* hija materja tal-liġi penali, li għandu jiġi eżaminat mill-Qrati ta' kompetenza kriminali, u mhux minn din is-sede. Lanqas jirriżultalha li l-inkartament li hemm fil-proċess jista' jwassal għall-inċertezza fid-difiża, kif jallega r-rikorrent. Dan l-ilment għalhekk jirriżulta mingħajr bażi;

**L-ilment dwar in-nuqqas ta' preżenza tar-rikorrent waqt ir-rogatorji**

Illi dan l-ilment huwa espost fir-rikors promotur kif ġej:

« 23. Illi fit-tieni lok l-esponent illamenta mill-fatt illi l-ġbir tal-provi bil-proċedura tar-rogatorji kien sar fl-assenza tiegħu, u għalhekk talab li l-istess rogatorji jiġu sfilzati mill-proċess u fin-nuqqas li jiġu hekk sfilzati huwa talab li ssir referenza kostituzzjonali biex jiġi mistħarreġ jekk il-fatt li r-rogatorji ttieħdu fl-assenza tiegħu jiksirx jew le d-drittijiet fundamentali tiegħu;

« 24. Illi jiġi rilevat li sa mill-bidu nett l-Prosekuzzjoni talbet li jsiru l-ittri rogatorji l-esponent mal-ewwel irriżerva li jkun preżenti għas-smiegħ ta' dawn ix-xhieda flimkien mal-avukat difensur tiegħu ; iżda mbagħad meta saret il-proċedura tar-rogatorji l-esponent ma ġie infurmat b'xejn rigward id-data, ħin u post fejn kienu ser jinstemgħu ix-xhieda, u għalhekk ma attendiex għax ma kienx jaf meta u fejn ser isir is-smiegħ ta' dawn ix-xhieda bil-proċedura tar-rogatorji ;

« 25. Illi l-Qorti tal-Maġistrati rċiviet dokumentazzjoni minn diversi awtoritajiet ġudizzjarji fosthom dawk ta Ginevra, Guernsey, Isle of Man, Jersey, madanakollu, l-esponent qatt ma kien ġie notifikat meta ser jibdew dawn l-istess proċeduri;

"26. Illi dan ifisser illi parti sostanzjali mill-proċeduri fil-każ numru 798/2008 saru mingħajr il-preżenza tal-imputat;

"27. Illi l-preżenza tal-imputat waqt proċeduri kriminali hija kruċjali fil-liġi Maltija u filfatt Artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistipula illi,

> *Kull min ikun akkużat b'reat kriminali [...] ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun*

*ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu*[98]*;*

"28. Illi dan il-prinċipju ġie ribadit f'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin. Fis-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April 2006 ġie stabbilit illi:

*Il-ħtieġa li l-imputat jidher huwa nnifsu hija ħtieġa ta' ordni pubbliku u, jekk ma titħarisx, twassal għan-nullità assoluta tas-sentenza*[99]*;*

"29. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***The Police vs. Sandjar Dekhkankhohayev and Shakhzada Dekhkankhojayeva***, ġie konkluż ukoll illi anke fil-ġbir tal-provi għandu jkun hemm il-preżenza tal-akkużat ħlief f'xi eċċezzjonijiet partikolari,

*most of it [evidence] was gathered in their absence and it is a known legal principle in criminal matters that all evidence is gathered in the presence of the accused with a few exceptions such as in a compilation of evidence where the accused is duly notified and does not turn up for his sitting and the Court would proceed to hear evidence in their absence.*[100]

"30. Illi inoltre d-Direttiva numru 2016/343 tad-9 ta' Marzu 2016 tgħid illi tezisti obbligazzjoni pożittiva fuq l-Istati Membri,

---

98 **Il-Kostituzzjoni ta' Malta**, Kapitolu 0 tal-Ligijiet ta' Malta, art 39(6)

99 **Il-Pulizija vs Paul Polidano u Carmel Polidano**, Qorti tal-Appell Kriminali, 26 April 2006.

100 **The Police vs. Sandjar Dekhkankhohayev and Shakhzada Dekhkankhojayeva,** Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 16 Dicembru 2003.

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jkollhom id-dritt li jkunu preżenti fil-proċess tagħhom.*[101]

"31. Illi dan il-prinċipju jsib ukoll bazi fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Filfatt Artikolu 6(3) jgħid is-segwenti:

*Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:*
*(c) has the right to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing*

"32. Illi eventwalment id-dritt illi l-imputat ikun preżenti fil-proċeduri kriminali għaddejjin kontra tiegħu ġie wkoll rikonoxxut fil-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenza ***Colozza vs. Italy***. Drittijiet bħall-possibilita' li teżamina u tagħmel kontroeżamijiet ta' xhieda kif ukoll li l-imputat jiddefendi lilu nnifsu huma korollarji tal-preżenza tal-imputat u l-assenza tiegħu timpinġi direttament fuq il-possibilita' li jiġu assigurati dawn l-istess drittijiet. Dan kollu ġie kkonfermat fis-sentenza ta' ***Colozza vs. Italy*** fejn il-Qorti sabet vjolazzjoni ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

*the object and purpose of [article 6] taken as a whole show that a person 'charged with a criminal offence' is entitled to take part in the hearing. Moreover, sub-paragraphs (c), (d) and (e) of paragraph (3) guarantee to 'everyone charged with a criminal offence' the right 'to defend himself in person', 'to examine or have examined witnesses' and 'to have the free assistance of an interpreter if he cannot understand or speak*

[101] **Direttiva (UE) 2016/343** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali

*the language used in court', and it is difficult to see how he could exercise these rights without being present.*[102]

L-istess intqal f'***Barbera', Messegue' and Jabardo vs. Spain***,

*In addition, the object and purpose of Article 6 (art. 6), and the wording of some of the sub-paragraphs in paragraph 3 (art. 6-3), show that a person charged with a criminal offence "is entitled to take part in the hearing and to have his case heard" in his presence by a "tribunal" (see the Colozza judgment of 12 February 1985, Series A no. 89, p. 14, para. 27, and p. 16, para. 32). The Court infers, as the Commission did, that all the evidence must in principle be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument.*[103]

"33. Illi l-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenzi tagħha daħlet ukoll fil-kwistjoni tal-preżenza tal-imputat waqt illi jkunu għaddejjin il-proċeduri tal-ittri rogatorji. Din il-Qorti filfatt waslet għall-konkluzjoni illi meta l-imputat ma jkunx ġie notifikat bis-seduta ta' meta ser isiru l-proċeduri tal-ittri rogatorji, ikun hemm vjolazzjoni

*the object and purpose of [article 6] taken as a whole show that a person 'charged with a criminal offence' is entitled to take part in the hearing. Moreover, sub-paragraphs (c), (d) and (e) of paragraph (3) guarantee to 'everyone charged with*

102 **Colozza vs. Italy** (1985) App no 9024/80, para 27.

103 **Barberà, Messegué and Jabardo vs. Spain** (1988) App No 10590/83, para 78.

*a criminal offence' the right 'to defend himself in person', 'to examine or have examined witnesses' and 'to have the free assistance of an interpreter if he cannot understand or speak the language used in court', and it is difficult to see how he could exercise these rights without being present.*[104]

L-istess intqal f'***Barbera', Messegue' and Jabardo vs. Spain***,

*In addition, the object and purpose of Article 6 (art. 6), and the wording of some of the sub-paragraphs in paragraph 3 (art. 6-3), show that a person charged with a criminal offence "is entitled to take part in the hearing and to have his case heard" in his presence by a "tribunal" (see the Colozza judgment of 12 February 1985, Series A no. 89, p. 14, para. 27, and p. 16, para. 32). The Court infers, as the Commission did, that all the evidence must in principle be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument.*[105]

"34. Illi l-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenzi tagħha daħlet ukoll fil-kwistjoni tal-preżenza tal-imputat waqt illi jkunu għaddejjin il-proċeduri tal-ittri rogatorji. Din il-Qorti filfatt waslet għall-konkluzjoni illi meta l-imputat ma jkunx ġie notifikat bis-seduta ta' meta ser isiru l-proċeduri tal-ittri rogatorji, ikun hemm vjolazzjoni ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. F'dan il-kaz il-Qorti nnutat kif apparti minn hekk, l-imputat ma kellu l-ebda opportunita` li jagħmel kontro-eżami tax-xhud in kwistjoni:

[104] **Colozza vs. Italy** (1985) App no 9024/80, para 27.

[105] **Barberà, Messegué and Jabardo vs. Spain** (1988) App No 10590/83, para 78.

*The Court found a violation of Article 6 ECHR. The witness was questioned by the Turkish authorities while executing a letter rogatory issued in Germany, where the proceedings had been instigated. The defendant had no opportunity to cross examine the witness, because he was not summoned for that hearing, despite the fact that his presence was required by Turkish law and that the letter rogatory expressly requested the Turkish authorities to summon the defendant and his counsel. The Commission held that the use of this evidence involved such limitations on the rights of the defence that it amounted to a violation of Article 6 of the Convention.*[106]

"35. Illi għaldaqstant, il-preżenza tal-imputat matul il-proċeduri kriminali kollha hija kruċjali sabiex jiġi aċċertat illi d-drittijiet fundamentali tiegħu ikunu qegħdin jiġu mħarsa;

"36. Illi l-fatt biss illi din ix-xhieda tinsab fil-proċess ta' dik il-kawza huwa detrimentali għall-harsien tad-drittijiet fundamentali tal-esponent";

Dwar dan l-ilment, l-intimati msemmija wieġbu li:

"It-tieni ilment tar-rikorrent huwa li ma kienx preżenti waqt il-proċedura tal-ittri rogatorji.

"Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawza, l-ittri rogatorji saru kollha skont il-liġi *a tenur* tal-Artikolu 399 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta bid-drittijiet dovuti lir-rikorrent mogħtija lilu fil-intier tagħhom. Illi minn eżami tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jirrizulta li d-

[106] **P.V. vs. Federal Republic of Germany** App No 11853/85.

dritt li l-imputat jagħmel il-kontro eżamijiet ta' xhieda miġjuba kontra tiegħu jesiġi li l-imputat jkun preżenti waqt is-smigħ tal-kawża.

"Illi dan id-dritt fl-ebda mument - mill-istadju ta' meta r-rikorrent l-ewwel tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati permezz tal-Mandat ta' Arrest Ewropew sal-ġurnata tal-illum, ma ġie leż u l-atti proċesswali kjarament jikkonfermaw illi r-rikorrent f'kull stadju ingħata d-dritt li jħejji l-kontro eżamijiet neċessarji għal kull xhud miġjub kontra tiegħu waqt tal-proċeduri.

"Illi b'ottempranza ma' l-artikolu 399 (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrent ingħata d-dritt li jkun preżenti jew jibgħat lil xi ħadd ta` fiduċja tiegħu sabiex jkun preżenti waqt is-smigħ tax-xhieda permezz tar-rogatorji u ingħata d-dritt li jipprepara kontro eżamijiet neċessarji sabiex jirribatti l-argumenti miġjuba mix-xhieda tal prosekuzzjoni·

"Illi għalhekk umilment, l-esponenti jidhirlu li r-rikorrent mhux biss ingħatalu d-dritt kif rispekkjat fil-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea billi kien preżenti għas-smigħ tax-xhieda kollha hekk kif eżentati imma ukoll ingħata l-fakolta` li jerġa' jagħmel il-kontro ezamijiet tax-xhieda tal-prosekuzzjoni kollha sabiex ikollu l-opportunita` sanċita li jirribatti l-provi kollha miġjuba kontra tiegħu";

Ikkunsidrat:

Illi ingħad mill-awtur Schabas[107] li "*nowhere does article 6 declare explicitly that a person 'charged with a criminal offence' is entitled to take part in the hearing, but this is a consequence of 'the object and purpose of the Article taken as a*

[107] Minn William A. Schabas, *The European Convention on Human Rights, A Commentary paperback edition, 2017,* paġna 316

*whole'*[108]*" (omissis) "The Grand Chamber has said that 'it is difficult to see how he could exercise these rights without being present'*[109]. Għall-kuntrarju, id-dritt tal-preżenza tal-akkużat huwa garantit speċifikament fl-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-istess Artiklu jgħid espressament li l-proċess kriminali jista' jsir fl-assenza tal-akkużat kemm-il darba dan jagħti l-kunsens tiegħu. Schabas jikkumenta, b'riferenza għall-Artklu 6, li "*like other fundamental fair trial rights, the right to be present at trial can be waived by the accused person. This must be established in an unequivocal manner and be attended by safeguards commensurate with its importance*[110]";

Illi mhux ikkontestat li l-imputat irreġistra t-talba tiegħu biex ikun preżenti waqt is-smiegħ tar-rogatorji; u li ma ġiex avżat bid-data tas-smiegħ tar-rogatorji, kif lanqas ma ġiet avżata l-prosekuzzjoni. Għalhekk bħala fatt jirriżulta li huwa ġie mpedut milli jkun preżenti waqt l-eżami tax-xhieda mismugħin bir-rogatorji. Huwa ovvju li ma setax ikun preżenti jekk ma kienx jaf bid-data tas-smiegħ. B'danakollu, fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrent irrinunzja b'mod ċar u inekwivoku għal dan il-jedd, anke jekk għamel dan biss wara li r-rogatorji kienu diġa` saru. Dan billi:

(i) Meta ġie a konjizzjoni tad-depożizzjonijiet rogatorjali, huwa ma rreġistra l-ebda oġġezzjoni fir-rigward tal-mod kif saru fl-assenza tiegħu.

(ii) f'dak l-istadju lanqas ma talab li jagħmel kontro-eżami *a tempo vergine*. Dritt li qatt ma nċaħadlu u li għadu miftuh u għad-disposizzjoni tiegħu anke llum. Fil-25 ta' Awwissu 2017 ir-rikorrent talab speċifikament permess mill-Qorti biex iħejji domandi in kontro-eżami fl-ittri rogatorji liema talba ġiet milqugħa għalkemm m'għamel xejn minn dan.

---

[108] Sejdovic v Italy (GC), no 56581/00 $81, ECHR 2006-II iċċitata

[109] ibid.

[110] Ibid., iċċitata mill-awtur, op.cit., paġna 317

(iii) Fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2017 ir-rikorrent eżenta lill-Qorti li terġa' tisma' x-xhieda kollha mill-ġdid[111];

Illi proċessi penali magħmulin *in absentia,* permessi f'ċerti pajjiżi Ewropej, jistgħu ma jkunux inkompatibbli mal-Konvenzjoni kemm-il darba l-akkużat ikollu l-possibilita` ta' smigħ mill-ġdid tal-kawża[112]. Barra minn hekk, l-evaluwazzjoni jekk sarx ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq "*it must be examined whether the applicant was given an opportunity to challenge the authenticity of the evidence and to oppose its use*"[113]. Fil-fehma ta' din il-Qorti, b'analoġija mas-suespost, id-dritt tal-imputat li jkun preżenti huwa sodisfatt, anke taħt l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni, kemm-il darba ma jiġix imċaħħad mid-dritt għall-kontro-eżami. Jekk l-assenza ta' akkużat minn proċedura penali sħiħa tista' tiġi ssanata billi jsir proċess gdid, *multo magis* tista' l-assenza tar-rikorrent fir-rogatorji tiġi ssanata bil-possibilita` li jagħmel il-kontro-eżamijiet. Huwa sinifikanti li fil-każ ta' **P.V. vs Republic of Germany** ċċitat mir-rikorrent f'para. 39 tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu (fol 306) l-assenza tal-imputat waqt ir-rogatorji instabet li kienet bi ksur tal-jedd fundamentali tas-smigħ xieraq anke għaliex l-akkużat ma kellux l-opportunita` li jagħmel kontro-eżami;

Illi r-rikorrent jargumenta li jekk jagħmel il-kontro-eżamijiet issa, dawn jistgħu ma jkunux effettivi billi l-persuni kkonċernati jistgħu ma jinstabux u d-dokumenti relattivi jistgħu ma ġewx ippreżervati jew mhumiex disponibbli iktar. B'danakollu, *imputet sibi.* Il-mogħdija taż-żmien ma tistax tissufraga lir-rikorrent billi dan seta' talab li jsiru l-kontro-eżamijiet *a tempo vergine* appena rċieva d-depożizzjonijiet meħudin permezz tar-rogatorji;

---

[111] Ibid Fol 991 I

[112] ara sentenzi ċċitati minn Karen Reid, *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights, 5th ed*., para 24-005 paġna 267

[113] Guide on Article 6 of the Europena Convention on Human Rights: Right to a Fair Trial (Crim. Limb), ippubblikat mill-Qorti tal-Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem u l-Kunsill Ewropew fl-2014, p. 26, iċċitata f'para 46 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrent stess, a fol 310

**L-ilment dwar l-awtenticita` tad-dokumenti esibiti fir-rogatorji**

Illi r-rikorrent jilmenta, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu (para 45, fol 309) li "meta nġabru r-rogatorji x-xhieda esebew dokumenti li l-provenjenza tagħhom kienet oskura, li ma ġewx awtentikati, li kellhom firem li *ictu oculi* ma jikkombaċċjawx u għalhekk jixħtu dell ikraħ ħafna fuq l-awtenticita` tal-istess dokumenti, u dawn id-dokumenti tħallew jiġu esibiti proprju f'xenarju fejn l-akkużat u l-avukat tiegħu ma kienux preżenti u ma kellhom l-ebda opportunita` biex jopponu għall-ammissibilita` tagħhom jew isaqsu d-domandi dwarhom". Anke llum ma jidhirx li hemm ostaklu li r-rikorrent jattakka l-awtenticita` ta' dawn id-dokumenti, billi jitlob l-isfilz tagħhom, inkella billi jitlob lill-Qorti ma teħodhomx in konsiderazzjoni billi m'humiex l-aħjar prova. Għalhekk dan l-ilment huwa mingħajr fundament;

**L-ilment dwar id-dewmien tal-proċeduri**

Illi r-rikorrent fir-rikors promotur isostni dan li ġej dwar l-ilment tiegħu ta' dewmien mhux raġonevoli tal-proċeduri:

"39. Illi rigward id-dewmien fil-proċeduri kriminali, l-esponent jirrileva illi dawk il-proċeduri tant twalu li mhux neċessarju li wieħed jistenna sa ma jingħalqu biex ikun jista' jiddetermina kienx hemm ksur tad-dritt tal-esponent għal smiegħ xieraq, għaliex diġa' huwa evidenti li r-riperkussjonijiet ta' tali dewmien huma tant gravi li minħabba fihom l-esponent huwa prekluż milli jkollu smiegħ xieraq

u l-kwalita' tad-difiża li jista' jġib l-esponent iddgħajfet kaġun tal-fatt li l-proċeduri twalu s-snin;

"40. Illi jibda biex jingħad illi meta nbdew il-proċeduri kriminali kontra l-esponent l-allegat fatt kriminali kien diġa' għaxar snin fil-passat, jiġifieri l-Prosekuzzjoni damet kważi għaxar snin biex ħarġet iċ-ċitazzjoni;

"41. Illi ma' dawk l-għaxar snin iridu jingħaddu għaxar snin oħra ta' proċeduri quddiem il-Qorti;

"42. Illi f'għoxrin sena l-esponent se jkun tilef l-opportunita' li jressaq xhieda vitali għall-każ tiegħu. Dan peress li uħud mix-xhieda llum m'humiex rintraċċjabbli u l-esponent ma jafx fejn jinsabu stante li ma jgħixux Malta u lanqas jaf jekk għadhomx ħajjin, liema problema ma kienitx tkun riskontrata li kieku l-każ tiegħu tressaq fil-ħin u nstema' fi zmien raġjonevoli;

"43. Illi anke dawk ix-xhieda li jistgħu jinġabu m'humiex l-aħjar mezz biex l-esponent jipprova l-kaz tiegħu stante li wara għoxrin sena huwa diffiċli hafna li xhud jiftakar id-dettalji ta' transazzjonijiet finanzjarji kumplessi;

"44. Illi l-esponent għandu ukoll problema oħra peress illi parti mill-provi li huwa xtaq iressaq kienu jinkludu wkoll informazzjoni li tista' tiġi provduta minn istituzzjonijiet finanzjarji bħal banek, u billi dawn jiddistruġġu l-informazzjoni wara ċertu żmien huwa impossibbli għall-esponent li jottjeni l-prova li huwa xtaq jagħmel, ħaġa li ma kienitx tiġri li kieku l-każ tressaq fil-ħin u nstema' fi żmien raġjonevoli";

Illi għal din il-lanjanza, l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali eċċepew:

"Illi huwa paċifiku kif konstatat anke mill-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li prinċipalment għandhom

jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smiegħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smiegħ fi żmien raġjonevoli huma l-komplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-każ l-aġir ta' awtorita' ġudizzjarja. Għalhekk, skond il-ġurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura.

"Illi sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-komplessivita' tiegħu u fil-każ odjern l-esponent jeċċepixxi li mill-assjem tal-proċeduri kriminiali in deżamina, għalkemm il-każ qed jieħu numru ta' snin, ma kienx hemm dewmien irraġjonevoli kawzat mill-prosekuzzjoni jew mill-Qorti.

"Illi kif ser jirrizulta mill-atti proċesswali l-mertu tal-kawża kriminali huwa wieħed pjutost kompless li jinvolvi anki awtoritajiet barranin. Il-konsegwenza ta` din l-investigazzjoni komplessa hija li anki l-proċeduri ta` kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati huma komplessi.

"Illi l-esponenti jirrileva li mill-atti proċesswali jirriżulta li tali dewmien kien riżultat ta' diversi fatturi partikolarment in-numru ta' differimenti li talab ir-rikorrent stess kif ukoll l'assenza tiegħu minn dawn il-Gżejjer għal iktar minn sentejn. Mela għalhekk r-rikorrent stess kien kawża ta` dan l-allegat dewmien."

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent jissottometti li l-proċeduri kriminali kontrih ma bdewx fid-29 t'Awwissu 2008, imma ħafna qabel; "għall-kuntrarju ta' dak li xehed l-Ispettur Ian Abdilla, l-awtoritajiet kien ilhom jinvestigaw dwar il-każi ta' Peter Clarke u Mario Somma. Fil-fatt fl-inkjesta maġisterjali li nżammet fl-2001/2002 kien hemm diġa` diversi riferenzi għall-każ ta' Peter Clarke" (nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, para 49 a fol 312). Huwa jissottometti li l-Qorti Ewropeja ta' Strasburgu espandiet it-tifsira tal-kelma "charge" b'mod li ma baqgħetx tifhem biha n-notifika formali; "*(it) may in some instances take the form of such other measures which carry the implication of such allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect"*[114]. Ikompli jissottometti li "in fatti kien hemm kawża fejn il-perjodu rilevanti… ittieħed li beda għaddej minn dakinhar li ġie esegwit search warrant fid-dar tal-persuna ssuspettata, jew meta ġie avżat mill-Pulizija li kien hemm akkużi kontrih, jew meta ġie arrestat…"

Illi d-*dies a quo* hi meta l-persuna ssir taf li hija ssuspettata li kkommettiet reat kriminali: "*The period does not in all cases begin at the moment at which the person in question is officially indicted. Even before that he may have been aware of the fact that he is suspected of a criminal offence, so that from that moment he has an interest in a speedy decision about this suspicion being made by the court. This is quite evident in those cases where an arrest precedes the moment of the formal charge*"[115]. Min-naħa l-oħra, skont l-awtriċi **Reid**[116] "*measures taken unknown to the applicant with no repercussions do not start time running, nor did a preliminary investigation into an incident which did not involve any act of*

[114] Foti and others vs Italy (applikazzjoni numru 7s604/76) deċiża 10.12.1982

[115] Peter van Dijk, Fried van Hoof, Arjen van Rijn, Leo Zwaak, *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* 5th ed 2018, p 589

[116] Karen Reid, ibid., 23-003 paġna 255

*accusation or charge against the applicant".* L-awtriċi tiċċita *Sommer v Italy*[117] "*concerning a massacre of villagers by the SS in 1944, there was an investigation in 1947 which did not lead to any proceedings; it was only in 1992 that the applicant was informed that he was the subject of an investigation; the Court found that he has not been affected by any investigative measure before that time*". Fil-każ preżenti, ir-rikorrent ma ppruvax li kien jaf li kien qiegħed jiġi investigat qabel ma saru l-akkużi formali kontrih fit-2008. Għalhekk id-*dies a quo* għandha tkun dik id-data, u mhux qabel;

Illi fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni m'hemm l-ebda definizzjoni ta' x'inhu żmien raġonevoli sabiex kawża tinqata'. Dan billi x'inhu tul raġonevoli li għandha tieħu kawża jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tagħha[118]. Il-ġurispudenza stabbiliet bħala fost il-kriterji rilevanti l-kumplessita` tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża, l-imġieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment[119]. L-ebda fattur ma hu waħdu konklussiv, imma l-effett kumulattiv tad-diversi fatturi[120];

Illi fil-każ preżenti, il-prosekuzzjoni pproduċiet il-provi ewlenin tagħha bil-mezz tar-rogatorji f'diversi pajjiżi barranin – proċedura li tabilfors ħadet ċertu żmien. Fis-16 ta' Lulju 2012 il-prosekuzzjoni iddikjarat li għalqet il-provi tagħha. Minn dakinhar 'il quddiem it-tressiq tal-provi kienu f'idejn ir-rikorrent. Huwa deher l-aħħar quddiem il-Qorti fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012.[121] Wara din is-seduta ma baqax jidher sakemm fil-31 ta' Mejju 2017[122] inġieb lura Malta b'mandat t'arrest Ewropew sabiex titkompla l-kawża tiegħu. F'dan il-perjodu kien hemm żmien fejn l-imputat ma deherx minħabba raġunijiet ta' saħħa iżda l-fatt jibqa' illi skond il-proċedura legali ma seta jsir xejn fl-assenza tiegħu u kwindi ma jistax jitfa' l-

[117] App. No. 36586/08 23.03.2010

[118] X v Belgium 12.03.1962 Kummissjoni Ewropeja

[119] Sydney Ellul Sullivan v Kummissarju tal-Pulizija et. 28.01.2013 Qorti Kostituzzjonali

[120] John A. Said vs Avukat Generali, 11.11.2011 Qorti Kostituzzjonali

[121] Proċess Kriminali anness in atti Fol 907

[122] Ibid Fol 990a

ħtija għal dan in-nuqqas fuq il-Prosekuzzjoni.  Anke l-ilment tad-dewmien ma jirriżultax sorrett mill-provi;

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qegħda taqta` u tiddeċiedi l-kawża billi:

1) tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali u teħilsu mill-osservanza tal-ġudizzju.

2) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li din il-kawża tressqet intempestivament.

3) tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

L-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA